# Min Jaf?

Adrian Grima

Sa A Schembri

Skola St. Joseph, Tas-Sliema



Min jaf kif bdiet id-dinja?
Tgħid forsi b'xi splużjoni
li damdmet kulma sabet
u ħolqot konfużjoni?

Tgħid forsi b'maltempata,
jew bomba bħal tal-festa,
b'raddiena ġiġġifogu,
jew b'ragħda ta' tempesta?


Minn fej' ġiet dil-pjaneta,
minn blat ma kienx maqsum?
Jekk ġiet bla ħadd ma qallha,
min jaf kemm ser iddum?
Minn fejn ġew l-ibħra kollha,
ix-xmajjar u l-għadajjar?
Il-bhejjem kbar u l-pjanti,
Il-kliem li jħobb jittajjar?



Tgħid vera dik l-istorja
tan-nies fil-ġnien tal-Eden?
Tgħid kollox ħabba frotta?
’Il min se taqbad temmen?

Għalfejn ikollna nduru
bilfors madwar ix-xemx?
U magħna jdur il-qamar
f’tidwir li ma jintemmx?

Inħossni qed nistordi

se npoġġi ftit bilqiegħda

għax rasi daret bija

u moħħi issa ċeda.

Min jaf kif beda kollox?

